# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 17**

**Citaz. Nru. 373/01GV**

**Britannia Financial Services Ltd**

**vs**

**Simpson Investments Limited u Alpha Colour Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija awtorizzata mill-Bank Centrali ta' Malta sabiex tiffunzjona bhala istituzzjoni finanzjarja ai termini tal-artikolu 3 (1) tal-Att XX11 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji 1994 bil-fakolta fost ohrajn illi ssellef il-flus (Dok. A)

Premess illi b'kuntratt tat-30 ta' Mejju, 1997 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino (Dok. B), is-socjeta' attrici kienet silfet lis-socjeta' konvenuta Simpson Investments Limited is-somma ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) bir-rata ta' imghax ta' tlettax fil-mija (13%) fis-sena;

Premess illi s-socjeta' konvenuta Simpson Investments Limited kienet obbligat ruhha illi trod lura din is-somma flimkien mal-imghax relattiv lis-socjeta' attrici fi zmien erba' (4) xhur dekorribli mid-data tal-kuntratt;

Premess illi ai termini tal-imsemmi kuntratt il-partijiet kienu qablu illi f'kaz illi s-socjeta' konvenuta Simpson Investments Limited tonqos milli thallas is-somma mislufa r-rata tal-imghax toghla ghall-hmistax punt hamsa

fil-mija (15.5%);

Premess illi s-socjeta' konvenuta l-ohra u cioe' Alpha Colour Limited kienet dahhlet bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta l-ohra ghall-hlas tas-self fuq imsemmi, u dana kif jidher mid-dokument B, hawn anness;

Premess illi minkejja illi ghaddew aktar minn tlett snin minn meta gie ffirmat il-kuntratt fuq imsemmi s-socjeta' konvenuta Simpson Investments Limited hallset biss is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u ghalhekk ghada debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija hamsa u sittin lira Maltin (Lm28,465) kwantu ghall-hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) bhala kapital, kwantu tlett elef erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm3,465) imghax kalkolat bejn it-22 ta' Marzu, 2000 u t-28 ta' Frar, 2001 bir-rata ta' erbatax punt hamsa u sebghin fil-mija (14.75);

Premess illi minkejja illi l-istess socjetajiet konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu u minkejja illi dejjem ippromettew illi sejrin jaghmlu dan huma baqghu inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici s-socjetajiet konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddecidi l-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza; u

2. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tmienja u ghoxrin

elf, erba' mija hamsa u sittin lira Maltin (Lm28,465) kwantu ghall-hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) bhala kapital, kwantu tlett elef erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm3,465) imghax kalkolat bejn it-22 ta' Marzu, 2000 u t-28 ta' Frar, 2001 bir-rata ta' erbatax punt hamsa u sebghin fil-mija (14.75%) - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-imghax legali ulterjuri tal-14.75% kalkolat mill-1 ta' Marzu, 2001 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjetajiet konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjetajiet konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjetajiet konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**